**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 115/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Carmel MIFSUD**

**Illum, 15 ta' Mejju 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Marzu 2023 fil-konfront ta' **Carmel MIFSUD**, bin Joseph u Mary xebba Debono, imwieled Qormi nhar it-28 ta' Settembru 1953, residenti ġewwa 53, Dar il-Fjuri, Triq tal-Ħlas, Qormi u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 700653(M), li ġie mixli talli:

   Nhar it-18 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' 14.00 hrs u fil-ħinijiet ta' qabel, fl-inħawi Tal-Ħandaq, Qormi u f'dawn il-gżejjer waqt staġun

magħluq għat-teħid tal-għasafar, ħa jew ipprova jieħu b'xi mezz xi għasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18(1)(c) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża lixki ta' għasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(i) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat ir-regolamenti 4(1)(a), 27 u 18(1)(c) tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, sabet lill-imputat (illum appellant) Carmel MIFSUD ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, filwaqt li lliberatu mit-tielet imputazzjoni. Konsegwentement, ikkundannat lill-istess imputat għal multa ta' elfejn ewro (€2000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, setgħet titħallas b'rati mensili ta' mitt ewro (€100). F'każ li l-ħlas kien se jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx, jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti, fit-termini tar-regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006 (kif emendat), ordnat ukoll is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi Carmel MIFSUD appella minn din is-sentenza billi talab lil din il-Qorti sabiex "*jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Mercieca nhar is-7 ta' Marzu 2023, u dana billi tiġi kkonfermata dik il-parti tas-sentenza fejn illiberatu mit-tielet imputazzjoni u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u konsegwentement tgħaddi sabiex tillibera lill-appellant minn kull piena u ħtija.*"

## D. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

4. Illi r-rikors tal-appell odjern ġie trattat quddiem din il-Qorti, kif diversement preseduta, fl-udjenza tal-1 ta' Awwissu 2023. Fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif preseduta, fit-8 ta' Jannar 2024, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jistrieħu fuq it-trattazzjoni tagħhom quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-18 ta' Jannar 2021, għall-ħabta tas-14:00 hrs, PC 789 M. Said u PS 1030 Clinton Theuma marru jqassmu riferta lill-appellant f'razzett ġewwa l-Ħandaq, limiti ta' Ħal Qormi. Hekk kif kienu fuq il-post, iddeċidew li jwettqu spezzjoni, waqt liema spezzjoni, sabu li kien hemm mansab ikkargat, armat bix-xbieki, bil-molol u bil-lastiku. L-appellant ingħata minnufih id-drittijiet tiegħu skont il-liġi, iżda huwa rrifjuta d-dritt għall-assistenza legali u ffirma

dikjarazzjoni f'dan is-sens. Dak il-ħin, mistoqsi jekk kellux liċenzja tal-insib, l-appellant stqarr illi ma kellux liċenzja, kif ukoll li ma kienx jaf li ma jistax jonsob. Huwa ġie ordnat sabiex iżarma l-mansab mix-xbieki. Dak il-ħin ġie nnutat ukoll illi fix-xbieki kien hemm tliet għasafar ossia gamiem tal-kullar, maqbudin u ħajjin, li b'ċertu diffikulta` nqalgħu mix-xbieki u ttieħdu mill-Pulizija għand il-veterinarju għall-kura. Il-mansab u l-vireg ġew ukoll elevati mill-Pulizija, u l-appellant ingħata riċevuta. L-appellant ġie nfurmat illi kienet se jittieħdu passi fil-konfront tiegħu b'rabta ma' dan il-każ.

6. Illi permezz tal-<u>ewwel aggravju tiegħu</u>, l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u illi ma setgħet qatt issib ħtija fl-appellant fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġuba kontra tiegħu u dan stante illi huwa ma kien qed jagħmel l-ebda attivita` ta' nsib. Fit-<u>tieni aggravju</u>, imbagħad, l-appellant jinsisti illi l-provi li kkunsidrat l-ewwel Qorti u li wasslu għas-sejbien ta' ħtija tiegħu, kienu biss riżultat ta' montatura ossia *frame-up* malizzjuż ta' terzi persuni, sabiex l-appellant jinstab ħati ta' reat.

7. Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet <u>**Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit**</u> fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux

addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[1]

8. Illi din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra ż-żewġ aggravji tal-appellant flimkien.

9. Fl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant isostni illi ma jistax ikun li huwa kien qed jonsob, għaliex dak il-ħin kien għadu kif wasal fir-razzett ma' martu, meta ftit tal-ħin wara tfaċċaw fir-razzett l-Uffiċjali tal-Pulizija. Jillanja wkoll illi d-dura u l-bitħa fejn instab il-mansab, m'humiex viżibbli u huma ferm il-bogħod mit-trejqa minn fejn ġew il-Pulizija. In oltre, jgħid l-appellant, il-mansab ma kienx maqlub, iżda minkejja dan instab it-tajr maqbud taħtu. Skont l-appellant, biex jinqabad it-tajr taħt ix-xbiek, dan irid ikun għadu kif ġie maqlub. In oltre, jilmenta l-appellant, lanqas ma kien hemm gabjetti jew xi forma oħra ta' lixka sabiex tattira l-għasafar, u minkejja dan, xorta nstabu mhux waħda, iżda ben tliet għasafar taħt ix-xibka.

10. Fit-tieni aggravju tiegħu, imbagħad, l-appellant jirreferi għall-fatti li jirreferi għalihom fl-ewwel aggravju, kif ukoll illi l-għasafar instabu b'saqajhom it-tnejn marbuta flimkien, u jsostni illi huwa kien vittma ta' *frame-up* billi l-awtur ta' din il-montatura rabat saqajn l-istess għasafar u poġġihom taħt ix-xbiek tal-mansab biex b'hekk jassigura illi dawn ma jaħarbux sakemm il-Pulizija jirrikorru fuq il-post u jarawhom taħt ix-xbieki. Skont l-appellant, għalhekk, huwa ma kellux jinstab ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet.

11. Illi jibda biex jingħad illi l-ewwel imputazzjoni hija mibnija fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 18(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 li taqra hekk:

---

[1] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

> (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 9, l-ebda persuna m'għandha:
>
> ...
>
> (ċ) waqt l-istaġun magħluq għat-teħid ta' għasafar kif jista'jiġi permess skont dawn ir-regolamenti, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur

12. It-tieni imputazzjoni hija bbażata fuq ir-Regolament 4(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, li jgħid hekk:

> 4. (1) Kull speċi ta' għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali hija protetta. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 5, 8 u 9, ebda persuna m'għandha:
>
> (a) tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha

13. Jirriżulta minnufih mid-diċitura tal-liġi, illi l-leġislatur ried li jissanzjona mhux biss lil min fi staġun magħluq għall-insib jieħu għasfur, u lil min jieħu xi għasfur protett taħt ir-regolamenti, iżda wkoll lil kull min għad li ma jirnexxilux fl-iskop tiegħu li jieħu għasfur fi staġun magħluq, jew li jieħu għasfur protett, ikun ipprova jagħmel dan. Ifisser għalhekk illi sabiex jitqiesu ntegrati r-reati in diżamina, jeħtieġ neċessarjament illi jiġi ppruvat fil-każ tal-ewwel imputazzjoni, illi fi staġun magħluq għall-insib, is-suġġett attiv tar-reat jieħu jew inkella jittenta li jieħu għasfur, u fil-każ tat-tieni imputazzjoni, li jieħu jew jittenta jieħu xi għasfur protett taħt ir-regolamenti. Għall-fini taż-żewġ regolamenti, huwa suffiċjenti li jkun hemm evidenza indizjarja, li tippunta biss f'direzzjoni waħda, u illi bis-saħħa tagħha tkun tista' tinstab ħtija fil-grad rikjest mil-liġi.

14. L-appellant jillanja mill-fatt illi l-Uffiċjali tal-Pulizija qatt ma setgħu jaraw il-mansab armat minn fejn kienu, għaliex id-dura u l-bitħa fejn kien jinsab il-mansab kien ferm il-bogħod mit-triq u illi sabiex mit-triq wieħed jasal għall-mansab, jeħtieġ illi wieħed jidħol fir-razzett, jitla' taraġ, jimxi

u jaqsam minn fuq il-bejt, u jerġa' jinżel taraġ ieħor sabiex jasal għall-bitħa fejn hemm id-dura, bl-appellant isostni illi l-appellant u martu ġew mitkellma mill-Pulizija fit-trejqa li tagħti għar-razzett.

15. Dwar dan fix-xhieda tiegħu, PS 1130 Clinton Theuma jgħid hekk b'referenza għall-appellant:

> Waqt li konna fuq il-post rajnih hiereg minn fuq bicca raba li tigi wara r-razzett li dehret li kien hemm mansab u dura, hareg min hemmhekk, iddecidejna li waqt li konna qed intuh ir-riferta naghmlu spezzjoni ukoll kif konna fuq il-post ...[2]

Iżjed tard in kontro-eżami, mistoqsi x'kien dak li qanqal suspett fl-appellant, ix-xhud jgħid hekk:

> Xhud; Kien jidher min gor razzett li kien hemm forma ta' dura u seta kien hemm mansab quddiemha u kif ukoll aktar qabel xhur qabel kienu jsiru spezzjonijiet rigward insib f'dak il-post allura huwa post li nibqghu naghmlu follow ups ukoll ahna.
>
> Difiza; Jekk nissuggerilek illi l-imputat kien qieghed hdejn martu, kienu ghadhom kif jaslu bil-karozza rajthom inti qeghdin inaddfu gor-razzett?
>
> Xhud; Il-mara tieghu iva kienet gor-razzett u s-sinjur kien fejn din il-bicca gardina li hemm ir-ritratti kif wasalna ahna ghax ghajjattilhom jien u hareg ezatt fejn id-dura hareg min fuq il-post hekk gie bil-mixi vicin hafna fejn ir-razzett ezatt jmiss ma' bicca bitha bicca gnien
>
> Difiza; Inti rajtu jonsob dak il-hin?
>
> Xhud; Jien rajtu hiereg minn fejn id-dura.[3]

16. Illi minn din ix-xhieda għalhekk jirriżulta illi mhux minnu illi l-Pulizija waqqfu lill-appellant u lil martu fit-trejqa illi kienet tagħti għar-razzett, iżda jirriżulta illi PS 1130 ra lill-appellant ħiereġ minn ħdejn id-dura. Bl-

---

[2] A fol. 11 tal-proċess.
[3] A fol. 12 u 13 tal-proċess.

istess mod, in kontro-eżami, PC 789, għalkemm mistoqsi fejn ra lill-akkużat, huwa jwieġeb "*Gor-razzett*", madankollu meta ssuġġerit lilu illi ma rahx fejn id-dura, huwa wieġeb "*Rajnih gej mid-direzzjoni tad-dura*"[4]. Iżjed tard jixhed illi "*Ahna habbatnilu min quddiem il-garaxx sewwa, issa fuq ix-xellug kien hemm fejn tghaddi min fejn ghaddina biex nigu ghal mansab u rajnih hiereg mill-istess post. Min hemmhekk, rajnih gej mill-istess post meta nghaddu ghal mansab.*"[5]

17. Hawnhekk irid jingħad ukoll illi għalkemm l-appellant jidher illi qed jorbot ukoll dan l-ilment mal-allegazzjoni tiegħu illi huwa ġie *framed* minn ħutu, u allura din il-Qorti tifhem illi dak li qed jallega l-appellant huwa illi minkejja li l-Pulizija ma setgħux jaraw il-mansab mill-posizzjoni li kienu, huma xorta waħda għamlulu spezzjoni għaliex bħal kienu jafu xort'oħra illi l-appellant kellu mansab armat, fl-ewwel lok, kif ingħad, jirriżulta illi PS 1130 Clint Theuma xehed illi s-suspett tiegħu ma tqanqalx biss mill-fatt illi huwa ra lill-appellant ġej mid-direzzjoni tad-dura, iżda anke għaliex huwa kien konsapevoli mill-fatt illi kienu diġa` saru spezzjonijiet f'dak il-lok fi żmenijiet preċedenti u għalhekk ukoll iddeċiedew illi jagħmlu spezzjoni. Fit-tieni lok, in kontro-eżami, fuq domanda tad-difiża jekk kellux xi rapport anonimu li seta' kien hemm xi attivita` ta' nsib, l-istess PS 1130 Clint Theuma jinnega dan kategorikament, u jixhed illi "*Le le ma kellna l-ebda rapport, xoghol ta' pulizija xoghol li naghmlu x-xoghol taghna dak ta' spezzjoni*".[6] Fit-tielet lok, dakinhar stess fuq il-post, l-appellant fl-ebda waqt ma allega illi din kienet xi *frame-up* da parti ta' ħutu, minkejja li jgħid xort'oħra fir-rikors tiegħu, kif lanqas ma jirriżulta mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija u lanqas del resto mix-xhieda tal-istess appellant f'dawn il-proċeduri, illi hekk kif huwa ra l-mansab fuq il-post, "*huwa kien ferm sorpriż u baqa' skantat*", bħal ma lanqas ma jirriżulta mix-xhieda tal-istess Uffiċjali tal-Pulizija illi l-appellant, kif jgħid hu fl-appell tiegħu, "*... reġa' saħaq mal-Pulizija illi hu ma kienx qed jonsob u li ma kellu l-ebda idea dwar il-gamiem li kien hemm taħt ix-xbiek.*" Anzi mill-affidavit ta' PC 789, jirriżulta illi wara li huwa ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, liema drittijiet huwa rrinunzja għalihom – fatti dawn li ma ġewx kontestati mill-appellant – l-istess appellant stqarr illi "*m'ghandux licenzja tal-insib u ma*

[4] A fol. 29 tal-proċess.
[5] A fol. 29 u 30 tal-proċess.
[6] A fol. 13 tal-proċess.

*kienx jaf li ma jistax jiprattika l-insib*".[7] Bl-istess mod, PS 1130 Clinton Theuma jixhed illi l-appellant stqarr illi "*licenzja qatt ma kellu ma kienx licenzjat kif ukoll ma kienx jaf li ma tistax tonsob*".[8] Fil-fehma tal-Qorti, dan il-kliem tal-appellant altru illi ma jagħtix x'jifhem illi l-appellant kien sorpriż b'dak li sab quddiemu meta l-Uffiċjali tal-Pulizija ħarġu ħdejn il-mansab, iżda anzi juri illi fil-fatt kien qiegħed jonsob. Dan oltre l-fatt illi minkejja li PS 1130 jixhed illi ma kien daħal l-ebda rapport lill-Pulizija fir-rigward tal-mansab in kwistjoni, l-appellant bħal qed jallega illi ħutu fl-ewwel lok, kienu jafu illi l-Pulizija kienu sejrin fuq il-post sabiex jinnotifikaw lill-appellant bir-riferta li kellhom u, fit-tieni lok, kienu jafu wkoll il-ħin preċiż li fih kienu sejrin il-Pulizija u stennew proprju sakemm dawn jaslu fuq il-post, sabiex iqegħdulu l-gamiem taħt ix-xbiek, u fit-tielet lok, illi ħutu kienu jafu wkoll illi l-Pulizija kienu se jagħmlu spezzjoni lill-appellant fin-naħa ta' wara tar-razzett, fejn kellu d-dura!

18. L-istqarrija tal-appellant lill-Pulizija fuq il-post, torbot ukoll ma' dak li sabu l-istess Pulizija hekk kif ħarġu ħdejn il-mansab. Mill-provi prodotti, din il-Qorti hija tal-fehma bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha, illi l-appellant MIFSUD kien qiegħed jonsob, fi staġun magħluq għall-insib, dakinhar tat-18 ta' Jannar 2021. L-appellant ma jiċħadx dak li jixhed PS1130 Clinton Theuma fejn a fol. 11 tal-proċess, dan jiddeskrivi l-mansab tal-appellant bħala "*mansab ukoll armat bix-xbiek, kien mansab ikkargat u kien armat bil-mollol u bil-lastiku*", kif ukoll illi *"Kien hemm iz-zrieragh mal-art*"[9], wara li jixhed ukoll dwar l-insib illi "*Ovvjament jkun hemm l-ikel Sur Magistrat biex jieklu u jaqbdu max-xibka*." PS 1130 iżid jiddeskrivi dan il-mansab bħala li "*kien qiegħed lest biex jintuża*".[10] Imbagħad jirriżulta wkoll illi taħt ix-xbieki kien hemm maqbuda żewġ gamimiet. Issa jekk dawn daħlux taħt ix-xbieki u nqabdu fihom, f'liema każ allura l-appellant irnexxielu fit-tir tiegħu mingħajr ma qaleb il-mansab, jew inkella tpoġġewx hemmhekk minnu stess bħala lixka (u dan minkejja li PS 1130 jixhed illi ma kienx hemm lixka fuq il-post), irrispettivament mill-fatt illi l-mansab ma rriżultax illi kien maqlub, iċ-ċirkostanzi ta' kif kien misjub il-mansab, abbinat ma' dak li stqarr mal-Uffiċjali tal-Pulizija ossia illi ma kienx jaf li ma jistax jonsob, li m'hija

[7] A fol. 4 tal-proċess.
[8] A fol. 11 tal-proċess.
[9] A fol. 14 tal-proċess.
[10] A fol. 11 tal-proċess.

xejn ħlief ammissjoni dwar dak li kien qed jagħmel, ma jistgħux ħlief juru illi l-appellant kien qiegħed jonsob għall-għasafar, f'dak li kif jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tal-WBRU, kien staġun magħluq. Fiċ-ċirkostanzi żgur ma jistax jingħad illi l-appellant ma kienx qed jipprova jieħu xi għasfur, jew xi għasfur protett. Għalkemm l-appellant jagħmel enfasi kbira fuq il-fatt illi l-gamiem kienu marbutin minn saqajhom, sabiex jorbot mal-fatt illi kienu ħutu li poġġewlu l-gamiem taħt ix-xbieki, dan lanqas ma jirriżulta ċar mill-provi proċesswali. Veru illi l-veterinarju tixhed illi "*they were tied up*" ... "*By a rope kind of the legs*"[11] u mistoqsija jekk kellhomx ħabel ma' saqajhom, din twieġeb fl-affermattiv, anke għaliex l-Uffiċjali tal-Pulizija ma jgħidu xejn dwar dan il-fatt, ħlief illi mistoqsi jekk kienux huma li rabtu l-gamiem, PC 789 iwieġeb fin-negattiv, u stante illi l-istess PS 1130 jgħid illi dawn kienu maqbuda fix-xbieki u illi huma qalgħuhom minnhom b'ċerta diffikulta`, u illi ma kienx hemm lixka b'għasafar jew xort'oħra fil-mansab, din il-Qorti ma tafx jekk dawn kinux attwalment marbutin minn saqajhom, jew inkella kellhomx il-ħabel tax-xbieki marbuta ma' saqajhom għaliex inqabdu fix-xbieki. Pero` fi kwalunkwe każ, kif ingħad, tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet tagħha, din il-Qorti ma tqisx illi t-teorija tal-appellant illi dan kien xi *frame-up* minn ħutu jreġi. In oltre fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-appellant jiċħad li kien qed jonsob, iżda apparti illi dan jikkontrasta mal-istqarrija tiegħu fuq il-post *a tempo vergine*, fejn kif ingħad, huwa altru milli ċaħad li kien qed jonsob, huwa lanqas ma jispjega għaliex kellu l-mansab armat u kkargat kif ingħad, oltre illi għalkemm jixhed illi kienu ħutu li poġġew il-gamiem fejn instab, xorta jibqa' ma jagħtix spjegazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi li fih instab il-mansab.

19. F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis ukoll illi għad li l-appellant jinsisti illi l-mansab ma kienx ukoll armat b'gabjetti u li għalhekk skont hu, huwa ma kienx qiegħed fuq il-post sabiex jonsob, PS 1130 Clinton Theuma, xehed illi mill-esperjenza tiegħu bħala Pulizija fi ħdan it-Taqsima tal-ALE, l-insib jista' wkoll isir biss permezz tax-xbieki u t-tixrid taż-żerriegħa u dan għaliex ix-xbieki huma mezz sabiex in-nassab jasal fit-tir tiegħu li jonsob l-għasfur:

[11] A fol. 19 tal-proċess.

Difiża; Inti kif tispjega l-fatt mela l-mansab ma kienx maqlub, ma kienx hemm gabbjetti imma pero' kien hemm it-tajr maqbud taħt il-mansab din daqqitlek qampiena? Jista' jkun li kien hemm xi ħaġa ħażina?

Xhud; Le il-fatt hu li x-xibka hija distruttiva ħafna Sinjura Maġistrat u kulma jersaq lejha jaqbad, kull għasfur li jersaq lejha jaqbad. Jagħmlu tip ta' diversi xbieki kemm wiqfin u kemm ċatti, din kienet ċatta għalhekk huwa ta' periklu għall-għasafar ħafna li tħalli xibka u jkollok dak it-tip ta' mansab għax kull għasfur li jersaq 'l hemm ħa jinstasab ħa jinqabad max-xibka hija normali li jinqabad max-xibka iva

Difiza; U l-ghasfur kien qieghed taht ix-xibka mhux vera?

Xhud: Ma niftakarx jekk kienx taħt jew le pero' ħa jaqbad max-xibka kemm taħt u kemm fuq. Ix-xibka tkun loose allura l-għasafar jaqbdu magħha. Ovvjament jkun hemm l-ikel Sur Maġistrat biex jieklu u jaqbdu max-xibka. Kien hemm iż-żrieragħ mal-art iva...[12]

20. Illi tenut kont ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolement issib ħtija fl-appellant għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, taqta' u tiddeciedi billi tiċħad l-appell tal-appellant Carmel MIFSUD u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**

---

[12] Ara a fol. 14 tal-proċess.